# "O Crux Ave Spes Unica"

IS-SLIEM għalik, Salib Imqaddes, l-Ewwel u l-Aħħar Tama tagħna! Din tkun il-għajta ma' tul is-sekli ta' dawk kollha li jħobbuk u jadurawk.

Fuq is-sisien Tiegħek, Salib Imqaddes, imgħotti bil-weraq li r-riħ ma' tul il-jum iwassal f'riġlejk, in-Nisrani jinżel għarkobbtejh, u Miegħek, b'idejh miġbura quddiemu, iserraħ ngħasu għajjien u mkasbar mill-mewġ imqalleb tal-ħajja.

Fid-dawl mistiku tar-raġġi sbieħ Tiegħek, ir-ruħ Nisranija tħalli f'riġlejk il-għira, l-ambizzjoni, il-frugħa, biex fi ħsibijiet l-aktar safja ta' ndiema tithejja għal dik is-siegħa tal-biża' li fiha l-ġisem fejn tgħammar jingħażel minnha biex jerġa' jsir trab, fi ħdan l-art, kif kien fil-bidu.

Int, ja Salib, xerridt il-paċi meta l-mewt xeħtet id-dmugħ u l-luttu fid-dar tal-fqir u tal-għani. Int nissilt fil-fqajrin dik il-fidi qawwija, it-tama ħelwa li mingħajrha ma kenux jistgħu jħarsu lejk b'qalb qawwija, fil-ġuħ u fil-faqar!

Is-Sliem Għalik, "Faraġ tas-Sema!" Quddiemek fi tfuliti nżilt għarkobbtejja kull fil-għaxija biex irroddlok is-sliem flimkien ma' ommi li għarfet hekk tajjeb tonqxok f'qalbi u f'moħħi. Lejk, il-lum, jiena nerfa' għajnejja meta l-hemm jixħetni fid-"dubju", u fl-"indifferenza". Int mexxini ma' tul it-triq tal-virtù u tal-perfezzjoni, nissel fija l-imħabba Nisrànija, "fidi qawwija" li xejn ma jġarrafha.

Tama tagħna, is-Sliem Għalik! Int ma tħallix minsi min ħabbek ma' tul għomru, u fis-siegħa solenni meta l-mewt tħaddanni magħha u l-Knisja Ommna xxerred il-barka tagħha fuq il-wiċċ tiegħi sfajjar u bla ħajja, Int tgħatti għal dejjem il-fdal li jibqa' minni, u qabri abbandunat ikun inqas waħdu fil-ħemda ta' l-oqbra.

GIUS. BORG PANTALLERESCO.